II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2101

tad-9 ta' Diċembru 2019

li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jagħixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jagħixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Lulju 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005.

(2) Wara r-reviżjoni tal-miżuri restrittivi awtonomi stabbiliti fl-Artikolu 2b tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005, id-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet tal-persuni elenkati fl-Anness Ia għar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jenħtieġ li jiġu emendati u jenħtieġ li jitneħħew żewġ persuni mil-lista f'dak l-Anness.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness Ia għar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista stabbilita fl-Anness Ia għar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 hija sostitwita bil-lista li tinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1.

ANNESS

"ANNESS Ia

LISTA TA' PERSUNI, ENTITAJIET U KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2b

A. Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għal dežinjazzjoni	Data ta' elenkar
1	Ilunga Kampete	magħruf ukoll bħala Gaston Hughes Ilunga Kampete; magħruf ukoll bħala Hugues Raston Ilunga Kampete. Data tat-Twelid: 24.11.1964. Post tat-twelid: Lubumbashi (RDK). Numru tal-karta tal-identità militari: 1-64-86-22311-29. Nazzjonalità: RDK. Indirizz: 69, avenue Nyangwile, Kinsuka Mimosas, Kinshasa/Ngaliema, RDK. Sess: Raġel	Bħala Kmandant tal-Gwardja Repubblikana (GR), Ilunga Kampete kien responsabbli għall-unitajiet tal-GR skjerati fuq l-art u involuti fl-użu sproporzjonat ta' forza u repressjoni vjolenti, f'Settembru 2016 f'Kinshasa. Minħabba r-rwol kontinwu tiegħu bħala kap tal-GR, huwa responsabbli għar-repressjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn aġenti tal-GR, bħar-repressjoni vjolenti ta' manifestazzjoni tal-oppożizzjoni f'Lubumbashi f'Diċembru 2018. Ilunga Kampete kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	12.12.2016
2	Gabriel Amisi Kumba	magħruf ukoll bħala Gabriel Amisi Nkumba; "Tango Fort"; "Tango Four". Data tat-twelid: 28.5.1964. Post tat-twelid: Malela (RDK). Numru tal-karta tal-identità militari: 1-64-87-77512-30. Nazzjonalità: RDK. Indirizz: 22, avenue Mbenseke, Ma Campagne, Kinshasa/Ngaliema, RDK.Sess: Raġel	Eks Kmandant tal-ewwel żona tad-difiża tal-Armata Kongoliża (FARDC) li l-forzi tagħha ħadu sehem fl-użu sproporzjonat ta' forza u repressjoni vjolenti f'Settembru 2016 f'Kinshasa. Gabriel Amisi Kumba ilu Viċi Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati Kongoliżi (FARDC) minn Lulju 2018, b'responsabbiltà għal operazzjonijiet u intelligence. Minħabba r-rwol tiegħu, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC. Gabriel Amisi Kumba kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	12.12.2016
3	Ferdinand Ilunga Luyoyo	Data tat-Twelid: 8.3.1973. Post tat-twelid: Lubumbashi (RDK). Nru tal-passaport: OB0260335 (validu mill-15.4.2011 sal-14.4.2016). Nazzjonalità: RDK. Indirizz: 2, avenue des Orangers, Kinshasa/Gombe, RDK. Sess: Raġel	Bħala Kmandant tal-unità għal kontra l-irvellijiet il-*Légion Nationale d'Intervention* tal-Pulizija Nazzjonali Kongoliża (PNC), Ferdinand Ilunga Luyoyo kien responsabbli għall-użu sproporzjonat ta' forza u repressjoni vjolenti f'Settembru 2016 f'Kinshasa. Ferdinand Ilunga Luyoyo ilu Kmandant tal-unità tal-PNC responsabbli għall-protezzjoni tal-istituzzjonijiet u ta' uffiċjali ta' livell għoli minn Lulju 2017. Minħabba r-rwol tiegħu, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-PNC. Ferdinand Ilunga Luyoyo kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	12.12.2016

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għal dežinjazzjoni	Data ta' elenkar
4	Célestin Kanyama	magħruf ukoll bħala Kanyama Tshisiku Celestin; Kanyama Celestin Cishiku Antoine; Kanyama Cishiku Bilolo Célestin; Esprit de mort. Data tat-Twelid: 4.10.1960. Post tat-twelid: Kananga (RDK). Nazzjonalità: RDK. Nru tal-passaport: OB0637580 (validu mill-20.5.2014 sad-19.5.2019). Ingħata viża ta' Schengen bin-numru 011518403, maħruġa fit-2.7.2016. Indirizz: 56, avenue Usika, Kinshasa/Gombe, RDK. Sess: Raġel	Bħala Kummissarju tal-Pulizija Nazzjonali Kongoliża (PNC), Célestin Kanyama kien responsabbli għall-użu sproporzjonat ta' forza u repressjoni vjolenti f'Settembru 2016 f'Kinshasa. F'Lulju 2017, Célestin Kanyama nħatar Direttur Ġenerali tal-iskejjel ta' taħriġ tal-Pulizija Nazzjonali. Minħabba r-rwol tiegħu bħala uffiċjal anzjan tal-PNC, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-PNC. Eżempju wieħed huwa l-intimidazzjoni u l-privazzjoni tal-libertà imposta fuq il-ġurnalisti minn uffiċjali tal-pulizija f'Ottubru 2018, wara l-pubblikazzjoni ta' sensiela ta' artikli dwar il-miżappropriazzjoni tar-razzjonijiet tal-kadetti tal-pulizija u r-rwol li l-Ġeneral Kanyama kellu f'dawn l-avvenimenti. Célestin Kanyama kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	12.12.2016
5	John Numbi	magħruf ukoll bħala John Numbi Banza Tambo; John Numbi Banza Ntambo; Tambo Numbi. Data tat-Twelid: 16.8.1962. Post tat-twelid: Jadotville-Likasi-Kolwezi (RDK). Nazzjonalità: RDK. Indirizz: 5, avenue Oranger, Kinshasa/Gombe, RDK. Sess: Raġel	John Numbi ilu l-Ispettur Ġenerali tal-Forzi Armati Kongoliżi (FARDC) minn Lulju 2018. Minħabba r-rwol tiegħu, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC, bħal vjolenza sproporzjonata mwettqa f'Ġunju-Lulju 2019 minn truppi tal-FARDC taħt l-awtorità diretta tiegħu kontra persuni li kienu qed iħaffru għall-minerali illegalment. John Numbi kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	12.12.2016
6	Delphin Kahimbi	magħruf ukoll bħala Delphin Kahimbi Kasagwe; Delphin Kayimbi Demba Kasangwe; Delphin Kahimbi Kasangwe; Delphin Kahimbi Demba Kasangwe; Delphin Kasagwe Kahimbi. Data tat-Twelid: 15.1.1969 (alternattivament: 15.7.1969). Post tat-twelid: Kiniezire/Goma (RDK). Nazzjonalità: RDK. Nru tal-passaport diplomatiku: DB0006669 (validu mit-13.11.2013 sat-12.11.2018). Indirizz: 1, 14eme rue, Quartier Industriel, Linete, Kinshasa, RDK. Sess: Raġel	Delphin Kahimbi ilu assistent Kap tal-Persunal fi ħdan il-Persunal Ġenerali tal-FARDC, minn Lulju 2018, b'responsabilità għall-intelligence. Minħabba r-rwol tiegħu, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC. Delphin Kahimbi kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	12.12.2016
7	Evariste Boshab	magħruf ukoll bħala Evariste Boshab Mabub Ma Bileng. Data tat-Twelid: 12.1.1956. Post tat-twelid: Tete Kalamba (RDK). Nazzjonalità: RDK. Numru tal-passaport diplomatiku: DP0000003 (validu: 21.12.2015 — jiskadi: 20.12.2020). Il-viża ta' Schengen skadiet fil-5.1.2017.	Fil-kapaċità tiegħu ta' Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Intern u s-Sigurtà minn Diċembru 2014 sa Diċembru 2016, Evariste Boshab kien uffiċjalment responsabbli għall-pulizija u s-servizzi ta' sigurtà u l-koordinazzjoni tal-ħidma tal-gvernaturi provinċjali. F'din il-kapaċità, huwa kien responsabbli għall-arrest ta' attivisti u ta' membri tal-oppożizzjoni, kif ukoll għall-użu sproporzjonat tal-forza, inkluż bejn Settembru 2016 u Diċembru 2016 b'reazzjoni għad-dimostrazzjonijiet f'Kinshasa, li wassal biex għadd kbir ta'	29.5.2017

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għal deżinjazzjoni	Data ta' elenkar
		Indirizz: 3, avenue du Rail, Kinshasa/Gombe, RDK. Sess: Raġel	ċivili nqatlu jew indarbu mis-servizzi ta' sigurtà. Evariste Boshab kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Evariste Boshab kellu wkoll rwol fl-isfruttament u fl-aggravament tal-kriżi fir-reġjun ta' Kasai, fejn huwa għandu pożizzjoni ta' influwenza, partikolarment minn mindu sar is-senatur ta' Kasai f'Marzu 2019.	
8	Alex Kande Mupompa	magħruf ukoll bħala Alexandre Kande Mupomba; Kande-Mupompa. Data tat-Twelid: 23.9.1950. Post tat-twelid: Kananga (RDK). Nazzjonalità: Kongoliża u Belġjana. Numru tal-passaport tar-RDK: OP0024910 (validu: 21.3.2016 — jiskadi: 20.3.2021). Indirizzi: Messidorlaan 217/25, 1180 Uccle, il-Belġju 1, avenue Bumba, Kinshasa/Ngaliema, RDK. Sess: Raġel	Bħala Gvernatur ta' Kasai Central sa Ottubru 2017, Alex Kande Mupompa kien responsabbli għall-użu sproporzjonat tal-forza, repressjoni vjolenti għal każijiet ta' qtil extraġudizzjarju mwettqa mill-forzi tas-sigurtà u l-PNC f'Kasai Central minn Awwissu 2016, inkluż qtil fit-territorju ta' Dibaya fi Frar 2017. Alex Kande Mupompa kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Alex Kande Mupompa kellu wkoll rwol fl-isfruttament u l-aggravament tal-kriżi fir-reġjun ta' Kasai li kien rappreżentant tiegħu sa Ottubru 2019 u li fih huwa għandu pożizzjoni ta' influwenza permezz tal-*Congrès des alliés pour l'action au Congo* (CAAC) li hija parti mill-gvern provinċjali ta' Kasai.	29.5.2017
9	Jean-Claude Kazembe Musonda	Data tat-Twelid: 17.5.1963. Post tat-twelid: Kashobwe (RDK). Nazzjonalità: RDK. Indirizz: 7891, avenue Lubembe, Quartier Lido, Lubumbashi, Haut-Katanga, RDK. Sess: Raġel	Bħala Gvernatur ta' Haut-Katanga sa April 2017, Jean-Claude Kazembe Musonda kien responsabbli għall-użu sproporzjonat tal-forza u r-repressjoni vjolenti mwettqa mill-forzi tas-sigurtà u l-PNC f'Haut-Katanga, inkluż bejn il-15 u l-31 ta' Diċembru 2016 meta, b'reazzjoni għall-protesti f'Lubumbashi, 12-il persuna ċivili nqatlu u 64 indarbu b'riżultat tal-użu ta' forza letali mill-forzi tas-sigurtà inkluż aġenti tal-PNC. Jean-Claude Kazembe Musonda kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Jean-Claude Kazembe Musonda huwa l-mexxej tal-partit CONAKAT, li jagħmel parti mill-koalizzjoni tal-ex President Joseph Kabila.	29.5.2017
10	Éric Ruhorimbere	magħruf ukoll bħala Eric Ruhorimbere Ruhanga; Tango Two; Tango Deux. Data tat-Twelid: 16.7.1969. Post tat-twelid: Minembwe (RDK). Numru tal-karta tal-identità militari: 1-69-09-51400-64. Nazzjonalità: RDK. Numru tal-passaport tar-RDK OB0814241. Indirizz: Mbujimayi, Provinċja ta' Kasai, RDK. Sess: Raġel	Bħala Viċi Kmandant tal-21 reġjun militari minn Settembru 2014 sa Lulju 2018, Éric Ruhorimbere kien responsabbli għall-użu sproporzjonat tal-forza u għal każijiet ta' qtil extraġudizzjarju mwettqa mill-forzi tal-FARDC, speċjalment kontra l-milizzja Nsapu u kontra nisa u tfal.	29.5.2017

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għal dežinjazzjoni	Data ta' elenkar
			Éric Ruhorimbere ilu l-Kmandant tas-settur operattiv ta' Nord Equateur minn Lulju 2018. Minħabba r-rwol tiegħu, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC. Éric Ruhorimbere kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	
11	Emmanuel Ramazani Shadari	magħruf ukoll bħala Emmanuel Ramazani Shadari Mulanda; Shadary. Data tat-Twelid: 29.11.1960. Post tat-twelid: Kasongo (RDK). Nazzjonalità: RDK. Indirizz: 28, avenue Ntela, Mont Ngafula, Kinshasa, RDK. Sess: Raġel	Bħala Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Intern u s-Sigurtà sa Frar 2018, Ramazani Shadari kien uffiċjalment responsabbli għall-pulizija u s-servizzi ta' sigurtà u għall-koordinazzjoni tal-ħidma tal-gvernaturi provinċjali. F'din il-kapaċità, kien responsabbli għall-arresti ta' attivisti u membri tal-oppożizzjoni, kif ukoll għall-użu sproporzjonat tal-forza, bħall-miżuri ta' repressjoni vjolenti ta' membri tal-moviment Bundu Dia Kongo (BDK) fil-Kongo Ċentrali, ir-repressjoni f'Kinshasa f'Jannar-Frar 2017 u l-użu sproporzjonat tal-forza u r-repressjoni vjolenti fil-provinċji ta' Kasai. F'din il-kapaċità, Ramazani Shadari kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Ramazani Shadari ilu segretarju permanenti tal- *Parti du peuple pour la reconstruction et le développement* (PPRD) minn Frar 2018, il-partit ewlieni fil-koalizzjoni taħt l-ex President Joseph Kabila.	29.5.2017
12	Kalev Mutondo	magħruf ukoll bħala Kalev Katanga Mutondo, Kalev Motono, Kalev Mutundo, Kalev Mutoid, Kalev Mutombo, Kalev Mutond, Kalev Mutondo Katanga, Kalev Mutund. Data tat-Twelid: 3.3.1957. Nazzjonalità: RDK. Numru tal-passaport: DB0004470 (maħruġ: 8.6.2012 — jiskadi: 7.6.2017). Indirizz: 24, avenue Ma Campagne, Kinshasa, RDK. Sess: Raġel	Bħala l-Kap tas-Servizz tal-Intelligence Nazzjonali (ANR) sa Frar 2019, Kalev Mutondo kien involut fl-arrest arbitrarju, id-detenzjoni u t-trattament ħażin ta' membri tal-oppożizzjoni, attivisti tas-soċjetà ċivili u oħrajn, u responsabbli għal dawn l-atti. Kalev Mutondo kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. F'Mejju 2019, huwa ffirma dikjarazzjoni ta' lealtà passata u futura lejn Joseph Kabila, u jibqa' assoċjat mill-qrib tiegħu għal kwistjonijiet ta' sigurtà.	29.5.2017

B. Entitajiet

[…]"